Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 289/2015

Il-Pulizja

Spettur Paul Vassallo

Spettur Angelo Gafa'

Spettur Jonathan Ferris

Vs

Raymond Ferris

Illum 17 ta' Marzu, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Raymond Ferris detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 661661M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli f'Novembru tas-sena 2008 u fix-xhur u s-snin ta' qabel :

(1) talab, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-titolu IV tat-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, irceva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu ma kellux jedd;

(3) u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' George Farrugia mill-Mosta.

Illi apparti minn hekk il-prosekuzzjoni talbet ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 119 tal-Kapitolu 9 fl-eventwalita' li tinstab ħtija fil-konfront tal-imputat.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 23, 23A, 30, 31, 115(b)(c), 19, 121A(1)(2)(3), 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li ma sabitx lill-imputat Raymond Ferris hati tal-akkuzi kollha u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenża appellata billi tikkonferma il-ħelsien tal-appellat Raymond Farris tat-tielet akkuża miġjuba kontriħ (frodi) filwaqt illi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija u wara li tqis bir-reqqa l-provi f'dan il-kaz kif ukoll il-liġi applikabbli għaliha, ssib lill-appellat ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuża u tipprosegwi sabiex tinfliġġi l-piena

xierqa u applikabbli skond il-ligi flimkien mal-applikazzjoni tal-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta giet biex tillibera lill-appellat mill-akkużi kollha miġjuba kontriħ, inter alia għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u tal-provi ippreżentati f'din il-proċedura u pertinenti għal każ in kwistjoni fid-dawl tal-liġi applikabbli għall-istess, u dan għar-raġunijiet segwenti :

Illi preliminarjament u għal kull buon fini jiġi ddikjarat illi l-esponent appellanti Avukat Ġenerali qed jintavola dan l-appell fid-dawl tal-liberatorja tal-ewwel u tat-tieni akkużi, filwaqt li mhux qed jikkonstesta l-ħelsien tal-istess mit-tielet akkuża (frodi) miġjuba kontriħ.

Illi fl-ewwel lok jinhad illi l-ewwel Qorti sempliċiment straħet fuq il-verzjoni tal-appellat mingħajr ma esplorat il-verzjoni ta' George Farrugia kif ukoll ta' Joseph Azzopardi bħala rappreżentant tal-Azzopardi Jewellers li kkorobora dak li stqarr George Farrugia f'ċertu aspetti u mingħajr ma qieset l-inkonsistenzi fl-istqarrijiet li kien irrilaxxa l-istess appellat a tempo vergine[1]. In fatti skond l-istqarrija datata s-27 ta' Frar 2013 u li tinstab a folio 43 tal-atti proċesswali l-appellat jikkonferma hu stess li filfatt ta iktar minn verzjoni waħda kontrastanti għal xulxin u mistoqsi mill-pulizija liema waħda kienet veritiera hu stqarr illi kienet dik fejn hu kien partat ir-rigali li kien taħ George Farrugia sabiex jagħddihom lil terzi bi *tray* tal-fidda

[1] Folio 43 u 47 tal-atti proċesswali.

mingħand Azzopardi Jewellers. Huwa minnu li meta l-appellat reġa xehed waqt il-kumpilazzjoni hu kien baqa konsistenti fuq dak li kien stqarr bħala l-verzjoni veritiera iżda jekk niġu għalhekk George Farrugia baqa konsistenti dejjem u ma kellu l-ebda raġuni valida o meno sabiex ifettaq jew iżid jew inaqqas minn dak li kien mitlub minnu. Effettivament l-ewwel Qorti lanqas biss spjegat għalfejn dehrilha li l-verzjoni tal-appellat kienet verosimili aktar minn dik ta' Farrugia iżda pproċediet billi minn hemmhekk tirreferi għax-xhieda ta' Ferris biex tara jekk l-elementi tal-korruzzjoni u tal-uzu tal-influenza jissusistux jew le. Bir-rispett kollu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit, jinhad ukoll illi anki jekk kelna nqisu l-verita bħala dik iddikjarata minn Ferris, xorta waħda l-elementi ta' entrambe dawn ir-reati jissussistu ugwalment.

Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit u b'referenza għal dak diġa ddikjarat dwar il-verzjonijiet kontrastanti mogħtija mill-appellat waqt it-tehid tal-istqarrija tiegħu, jinhad ukoll illi minn qari akkurat tax-xhieda mogħtija minn Raymond Ferris jirriżultaw diversi nknosistenzi jew affarijiet li m'għandhomx mis-sewwa. Fosthom naraw dak li jirrigward il-valur tal-oġġetti mogħtija lilu minn George Farrugia fejn kien indika li dan l-ammont kien ta' tlett mitt Euro b'kollox u dan irrispettivament tax-xhieda ta' George Farrugia kif ukoll ta' Joseph Azzopardi ta' Azzopardi jewellers li kien stmaha dawn l-oġġetti ferm iktar b'<u>differenza</u> ta' €200 kontanti li kien ħariġhom Raymond Ferris biex jixtri dak it-tray tal-fidda. Filfatt Azzopardi jikkonferma li Ferris kien partat tlett oġġetti tal-fidda ma dan it-tray tal-fidda li eventwalment ġie elevat mill-pulizija meta saret it-tfittxija fir-residenza tiegħu[2]. Di piu f'xiehda sussegwenti tal-istess Joseph Azzopardi ta' nhar is-16 ta' Diċembru 2013, dan ix-xhud kien ippreżenta riċevuta ta' tlett ċentrijiet bil-valur ta' Lm3,300 f'isem il-Power Plan fejn kull waħda minnhom kienet tiswa elf u mitt Lira Maltin (Lm1100) li tekwivali għall-istess ammont ta' madwar elf kull wieħed kif iddikjarat minn George Farrugia bħala l-valur tal-oġġetti mixtrija bħala rigali għall-*adjudicating*

[2] Ara folio 147 u 148 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda ta' Joseph Azzopardi waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.

*board*[3]. Kwindi l-ammonti ndikati mill-appellat għall-valur ta' dawk l-oġġetti, allavolja dan il-fatt mhux neċessarjament relevanti ai fini ta' ħtija tar-reati adebitati kontrih, m'għandhomx mis-sewwa. Apparti minn hekk lanqas għandu mis-sewwa li l-appellat jiminizza l-għoti ta' rigali fi żmien il-Milied meta uffiċjali pubbliċi ma jistgħu jirċievu rigali f'ebda żmien tas-sena. Apparti minn hekk lanqas hija verosimili li skond Ferris, l-ewwel George Farrugia taħ ir-rigali għaliħ iżda fl-istess nifs qallu biex jgħaddihom lil ħaddieħor. Di piu skond ix-xhieda ta' Raymond Ferris hu jgħid li ħa dawn iċ-ċentrijiet fl-uffiċju tiegħu[4] filwaqt li b'referenza għall-istqarrija tiegħu datata s-27 ta' Frar 2013 l-appellat jgħid li fetaħhom u ħallihom id-dar għal iktar minn sena qabel partathom mat-*tray* tal-fidda u dan wara li kien jaf li George Farrugia kien ġie skwalifikat mill-proċess tat-*tender*[5].

Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suċċipit, jekk allura kelna nduru għal verzjonijiet tal-prosekuzzjoni u tal-appellat kif finalment ikkonfermata jidher illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li George Farrugia ta tlett ċentrijiet lil Raymond Ferris sabiex dawn jitgħaddew għand il-membri tal-adjudicating board li kienu ser jideċċiedu dwar min kellu jirbaħ it-tender u dan sabiex jiffavorew lil kumpanija Power Plan Limited (ta' George Farrugia). M'hemmx kontestazzjoni lanqas dwar il-fatt li Raymond Ferris filfatt ħa dawn ir-rigali irrispettivament tal-fatt li skond hu huwa bniedem ta' subgħajħ dritt[6] u li milli jidher zammhom għandu minflokk għadihom lil terzi kif allegatament kien il-ftehim ma Farrugia fl-istadju oriġinali. Dan qed jinhad indipendentement għall-fatt li l-istess Ferris jgħid fix-xhieda tiegħu li hu kien ħa dawn ir-rigali peress li kien qed iħossu ġo rokna u xxokja ruħu[7] u ma kienx jaf x'ser jaqbad jagħmel u dan b'kontradizzjoni ma dak li kien

---

[3] Ara folio 194 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda ta' Joseph Azzopardi waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni kif ukoll folio 183 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda ta' George Farrugia waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.
[4] Ara folio 283 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda ta' Raymond Ferris waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.
[5] Ara folio 45 tal-istqarrija tal-appellat datat is-27 ta' Frar 2013 formanti parti mill-atti proċesswali.
[6] Ara folio 278 u 279 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda tal-appellat Raymond Ferris waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.
[7] Ara folio 282 u 283 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda tal-appellat Raymond Ferris waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.

stqarr fl-istqarrija tiegħu fejn Raymond Ferris jgħid li meta kien rinfaċċat b'din is-sitwazzjoni hu filfatt ħadhom u qal lil Farrugia li kien ser jara x'jista jagħmel. L-appellat filfatt jgħid ukoll f'din l-istqarrija li hu effettivament zammhom għandu għal żmien iktar minn sena mingħajr m'għamel l-ebda rapport kontra George Farrugia ma ħadd u konvenjentement sakemm George Farrugia kien ġie skwalifikat mill-għoti tat-tender fejn hemmhekk kien mar ibiddel dawn iċ-ċentrijiet ma' *tray* tal-fidda mingħand Azzopardi Jewellers[8]. Mill-banda l-oħra ma jidhirx li hemm qbil dwar l-€40,000 li George Farrugia kellu jagħti lil Ferris ġaladarba jirbaħ it-tender bl-għajnuna tiegħu (ta' Ferris) u dwar min filfatt talab għal dawn il-flejjes fejn George Farrugia jgħid li talabhomlu Ferris filwaqt li Ferris jiċħad kategorikament li qatt kien hemm din l-offerta. Jinhad ukoll pero li skond l-appellat George Farrugia kien ħajjru sabiex ġaladarba jiġi ġġudikat it-tender favuriħ, jimpjega lill-appellat f'posizzjoni għolja miegħu[9] u kwindi f'entrambe l-verzjonijiet irrispettivament ta' liema waħda titwemmen hemm wegħda ta' xorta jew oħra minn persuna għall-oħra ai fini ta' dak pretiz.

Illi fid-dawl tal-iskop ta' dan l-appell, fir-rigward tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra l-appellat, senjatament dik tal-korrużżjoni u dik tal-użu tal-influwenza (*trading in influence*) jekk wieħed idur għall-liġi applikabbli għal dawn ir-reati naraw illi d-disposizzjoni priċipalment applikabbli huma senjatament l-artikoli 115 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta li jinqraw kif ġej :

**115.** *(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob,* ***jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta***

[8] Ara folio 45 tal-atti proċesswali formanti parti mill-istqarrija tal-appellat Raymond Ferris datata s-27 ta' Frar 2013.

[9] Ara folio 46 tal-atti proċesswali formanti parti mill-istqarrija tal-appellat Raymond Ferris datata s-27 ta' Frar 2013.

***ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel***[10], *meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel,* ***għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta***[11], *il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*(ċ) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin.*

*(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, meta d-delitt kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkun sar minn persuna li, fiż-żmien meta kien sar id-delitt, kellha l-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, Sindku jew Kunsillier, u d-delitt ikun jinvolvi l-abbuż ta' dik il-kariga, id-disposizzjonijiet tat-Titolu VI tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma japplikawx għal dik il-persuna u għal kull kompliċi.*

**121A.** *(1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-*

[10] Enfazi tal-appellat.
[11] Enfazi tal-appellat.

*persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*

*(2)* ***Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.***[12]

*(3)* ***Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għal kollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.***[13]

Illi fid-dawl tal-argumenti hawn fuq sottomessi u b'referenza għad-diċitura tal-liġi applikabbli kif hawn fuq ikkwotata b'referenza partikolari għal 115(1)(b) naraw illi d-definizzjoni ta' korruzzjoni hija wiesa ħafna u tkopri diversi aspetti fosthom li *persuna tirċievi jew taċċetta rigal jew wedgħa, jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor,* kemm għaliħ jew għall-ħaddieħor għal liema flus jew rigal jew offerta eċċ ma jkollux jedd. Illi kemm mill-verzjoni li ta' George Farrugia kif ukoll mill-verzjoni ta' Raymond Ferris jirriżulta ben ċar illi kien hemm kemm rigal favur terzi kif ukoll offerta min-naħa jew min-oħra jew ta' flus jew vantaġġ ieħor. Di piu l-ewwel Qorti fid-deċide tagħha ikkonfermat li l-akkużat kien uffiċjal pubbliku apparti li minn dak li jirriżulta u ċioe fid-dawl ta' dak illi wassal għal dan-inkontru illeċitu, indubjament hu ma kellu l-ebda jedd għalihom. Apparti minn hekk u b'referenza għall-artikolu 115(1)(b) li hija l-iktar subartikolu applikabbli għal dan il-każ, huwa biżżejjed li dan il-ħlas, wedgħa jew offerta tiġi aċċettata anki jekk din effettivament ma timmaterjalizzax. Issa kif nafu kemm mill-istqarrija kif ukoll mix-

[12] Enfazi tal-appellant.
[13] Enfazi tal-appellant.

xhieda ta' George Farrugia u Raymond Ferris u differenti minn dak li stqarret l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, l-appellat aċċetta ċ-ċentrijiet u żammhom għandu sakemm għadda l-proċess tal-aġġudikazzjoni u mhux bħala rigali tal-Milied. Tant hu hekk li Ferris stess jipprova jiġustifika l-aġir tiegħu billi jgħid li beda jtella u jniżżel x'ser jagħmel b'dawn ir-rigali li hu kien jaf kienu intenzjonati għall-ħaddieħor u dan skond il-ftehim eżistenzi ma George Farrugia. In oltre mill-istqarrija lanqas biss jagħti d'intendere li kien perpless b'li kien qed jiġri allegatament iżda minflokk jgħid li ħadhom u li qal lil George Farrugia li kien ser jara x'jista jagħmel. Ergo ma qallux le, jew ma ħalliex iċ-ċentrijiet f'idejn George Farrugia kif kull persuna ta' subgħajħ dritt kien jagħmel. Lanqas ma jidher li ntużat xi forza barranija fuq Raymond Ferris minn George Farrugia biex iġiegħlu joħodhom. Di piu nafu wkoll li f'entrambe ix-xenajri apparti ċ-ċentrijiet kien hemm l-offerta ta' flus fil-verzjoni ta' George Farrugia u l-offerta ta' xogħol attrajenti fil-verzjoni ta' Raymond Ferris li ma jindikax li rrifjuta din l-offerta vantaġġuza[14]. Apparti min hekk huwa interessanti li jiġi nnutat li Ferris stenna li jgħaddi l-aġudikazzjoni tat-tender biex mar ipartat dawn iċ-ċentrijiet meta dan ma jagħmilx sens jekk dawn kienu sempliċi rigali tal-Milied kif indikat l-ewwel Qorti u wisq iktar turi li kien ben konsapevoli tal-iskop tagħhom mill-bidu nett. Kwindi huwa ċar u evidenti li l-elementi tal-korruzzjoni **<u>kollha</u>** jissusistu fir-rigward tal-akkużat irrispettivament ta' liema verzjoni titwemmen.

Illi fir-rigward tal-artikolu 121A tal-Kodiċi Kriminali u b'referenza partikolari għat-tieni u għat-tielet subartikolu ta' din id-disposizzjoni naraw illi anki dan ir-reat huwa impunibbli fuq Raymond Ferris u effettivament ukoll jissussisti mill-provi li rriżultaw waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni. Jihder mill-provi li l-appellat ma tax indikazzjoni li ma setax jagħmel influwenza fuq l-*adjudicating board* tant illi lil George Farrugia qallu li kien ser jara x'jista jagħmel wara li ħadlu dawn iċ-ċentrijiet. Skond id-diċitura ta' din id-disposizzjoni, dan ir-reat ukoll huwa wiesa ħafna fid-

[14] Folio 283 tal-atti proċesswali formanti parti mix-xhieda tal-appellat Raymond Ferris waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni.

definizzjoni tiegħu fejn jinkludi fost xenajri oħra li bniedem jaċċetta, jitlob jew jirċievi *xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa.* Naraw allura li r-rigal m'hemmx għalfejn ikun għaliħ personali kif kien il-każ hawnhekk, apparti li dawn iridu jkunu ntenzjonati sabiex issir influwenza mhux xierqa, f'dan il-każ fil-konfront tal-adjudicating board. Iktar importanti minn hekk naraw ukoll ai termini tal-paragrafu (c) ta' din id-disposizzjoni illi dan ir-reat ikun ikkunsmat anki jekk il-kapaċita allegata li ssir influwenza inadegwata tkun inezistenti, jew ma tkunx saret jew ma twassalx għall-għan aħħari. Illi jidher mix-xhieda tal-persuni li kienu fuq l-*adjudication board* waqt is-smiegħ tal-kumpilazzjoni[15] li allegatament Raymond Ferris ma kienx avviċinhom bir-rigali mertu ta' dan il-każ jew kien għamillhom xi proposta mhux f'lokha. In oltre nafu illi t-*tender* aħħari ma ntrebaħx mingħand George Farrugia iżda minn kumpanija oħra li kienet qed tippartecipa f'dan il-process. Effettivament wieħed jista anki jasal jargumenta li l-appellat ma kienx ser ikun f'posizzjoni jinfluwenza lill-bord in kwistjoni peress li d-deċiżjoni aħħarija tkun f'idejhom u filwaqt li huma kollha xehdu li jafuħ u jafuħ sew lill-appellat, hu ma kienx fuq il-bord magħhom finalment u kien biss liason officer u rappreżentant tal-Enemalta mal-Privatisation Unit li kienet responsabbli għall-process tat-tenders. Kwindi irrispettivament ta' jekk filfatt Raymond Ferris kienx f'posizzjoni jinfluwenza lil membri tal-bord allavolja hekk kien ta x'jifhem lil George Farrugia u irrispettivament ta' jekk filfatt dik l-influwenza ġietx eżerċitata jew le jew l-għan aħħari ġie milħuq, xorta waħda jissussitu d-dettami tal-artikolu 121A(2) għall-mertu ta' dan il-każ. Għal darb'oħra l-ewwel Qorti insistiet li dan ir-reat ma jissusistix fir-rigward tal-appellat peress li dawn għalih kienu xejn għajr għal rigali tal-Milied. A skans ta' repetizzjoni l-appellant umilment jitlob li din il-Qorti tirreferi għal dak diġa hawn fuq sottomess fir-rigward ta' jekk filfatt dak kienx il-ħsieb tal-appellat o meno. Jinhad ukoll u umilment li l-Avukat Ġenerali ma addebitax dan ir-reat bi svista kif indikat l-ewwel Qorti u dan tenut kont tal-fatt li kemm mill-provi ppreżentati kif ukoll mill-akkużi miġjuba kontra l-appellat mill-prosekuzzjoni dan ir-reat jissussisti.

[15] Emanuel Ellul (folio 125), Alfred Camilleri (folio 204), Mario Mizzi (folio 207), Victoria Wilson (folio 210) u Ivan Falzon (folio 231).

Jidher in oltre li l-ewwel Qorti għażlet li tiskarta dawn il-provi prodotti u kwindi lanqas huwa opportun li l-Qorti tgħid li ma nġagħbet l-ebda prova f'dan ir-rigward mill-prosekuzzjoni.

Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit minħabba l-pretenzjoni ta' sejbien ta' ħtija tal-akkuża ta' korruzzjoni, u peress li m'hemm l-ebda dubbju li l-appellat kien uffiċjal pubbliku għall-finijiet u għall-effetti kollha tal-liġi fiż-żmien tal-allegat inċident, konsegwenzjalment jekk il-Qorti tal-Appell taqbel mas-sottomissjonijiet tal-appellant, din il-Qorti għandha tapplika wkoll id-disposizzjoni tal-artikolu 119 tal-Kodiċi Kriminali li ġiet riflessa u mitluba flimkien mal-akkużi kif miġjuba kontra l-appellat f'dawn il-proċeduri u li konsegwenzjalment għas-sejbien ta ħtija taħt l-artikolu 115 għandu japplika għal dan il-każ.

Ikkunsidrat,

Illi l-gravam sottopost ghall-gudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Generali huwa marbut ma'l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u l-interpretazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tal-fatti esposti u dan biss fir-rigward tal-liberazzjoni ta'l-appellat mill-ewwel u it-tieni akkuzi ikkontemplati fl-artikoli 115 u 121A tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll dwar il-liberatorja mill-akkuza dwar il-frodi.

Illi essenzjalment minn ezami akkurat ta'l-atti jirrizulta illi l-fatti li fuqhom huma ibbazati l-akkuzi addebitati lill-appellat johorgu unikament mix-xhieda ta' George Farrugia, u dan billi l-appellat jichad b'mod kategoriku illi huwa qatt avvicina lil dan Farrugia u dan sabiex huwa jigi moghti xi rigal biex jinfluwenza id-decizjoni tal-privitizazzjoni tal-Petroleum Division ta'l-Enemalta, kif allegat minn l-istess Farrugia. Dan ghaliex il-provi l-ohra li hemm fl-atti jistghu jitqiesu bhala provi indizzjarji u xejn izjed ghaliex l-ebda wiehed mix-xhieda li tressqu ma jallegaw illi huma kienu gew avvicinati mill-appellat biex jinfluwenzhom fid-decizjoni tal-aggudikazzjoni ta' din it-*tender*. Illi allura l-Ewwel Qorti tat kredibilita lill-verzjoni ta'l-appellat fir-rigward u mhux dik ta' Farrugia billi l-provi l-ohra li kien hemm fl-atti ma kenux b'sahhithom bizzejjed biex jissostanzjaw il-verzjoni ta' Farrugia. L-

Avukat Generali, izda jikkontendi illi l-Ewwel Qorti erronjament wasslet ghal din id-decizjoni.

Jishaq l-Avukat Generali illi l-Ewwel Qorti naqqset milli taghti r-raguni li wasslitha sabiex tqies ix-xhieda ta' l-appellat bhala wahda iktar verosimili minn dik ta' Farrugia. Jishaq ukoll illi anke jekk hija emmnet il-verzjoni ta Ferris xortawahda minn dak mistqarr mill-appellat l-elementi legali mehtiega sabiex jissussitu z-zewg reati huma ippruvati. Dan ghaliex, fil-fehma ta'l-Avukat Generali, huwa fatt inkontestat illi Ferris kien accetta ir-rigali minn ghand Farrugia u dan bl-intiza li dawn kellu ighaddiehom lil terzi u cioe' lil membri ta'l-Bord ta'l-Aggudikazzjoni dwar il-privitizazzjoni tal-Petroleum Division ta'l-Enemalta. Bl-istess mod huwa ukoll inkontestat il-fatt illi l-appellat zamm dawn ir-rigali ghalih u skambjhom ma' *tray* tal-fidda meta l-process ta'l-agudikazzjoni kien intemm u dan minghajr ma ghamel ebda rapport lis-superjuri tieghu dwar l-ghoti ta' dawn ir-rigali. Illi fir-rigward il-weghda tal-ghoti tas-somma ta' €40000 minn Farrugia lill-appellat, ghalkemm Ferris jichad illi huwa qatt ressaq din il-pretenzjoni lil Farrugia madanakollu, jikkontendi l-Avukat Generali, huwa jammetti fl-istqarrija tieghu illi Farrugia kien wieghdu illi gjaldarba jigi aggudikat it-*tender* favur tieghu, hu kien ser jimpjegah f'posizzjoni gholja fil-kumpanija gestita minn dan Farrugia.

Illi l-Ewwel Qorti, jilmenta l-Avukat Generali, naqqset ukoll milli tqies l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-appellat senjalatament f'dak dikjarat minnu fl-istqarrijiet rilaxxjati lill-pulizija u dak mistqarr minnu *viva voce* fil-Qorti. Issa fl-ewwel stqarrija esebieta bhala Dokument GA4 l-appellat jiddeskrivi kif Farrugia kien tallbu biex imur ikellmu fl-ufficcju tieghu gewwa Hal Qormi u hu kien accetta. Ighid li qallu:

***"ara kif taghmel biex niehdu din it-tender." Jiena ghedtlu li dawn l-affarijiet ma kontx niddecidiehom jien imma xogholi kien li nispjega biss. Imbaghad hu hareg tlett kaxxi irrepjati li ma kontx naf x'fihom u qalli ara lil min ha taghti dawn ir-rigali biex jiehu it-tender hu. He exerted a lot of pressure on me u jien hadthom u ghedtlu issa nara. …. Meta kont fil-karozza ikkonfondejt x'kont ser naghmel b'dawn ir-rigali u iddecidejt li ma naghti xejn lil hadd u ma inkellem lil hadd. Sadanittant zammejt dawn ir-rigali ghandi d-dar u nghid li dawn kont ftahthom***

***biex nara x'kienu…. Tlaqthom id-dar ghal xi zmien u wara li George gie disqualified mort ghand Azzopardi bihom u biddilt dawn it-tlett rigali ma' tray tal-fidda u zidt xi flus maghhom."***

Jichad izda illi huwa qatt talab is-somma ta' €40000 bhala rigal minn ghand Farrugia ghalkemm jammetti illi Farrugia kien wieghdu illi jekk jirbah it-*tender* kien ser jimpjegah mieghu biex imexxielu il-kumpanija.

Fit-tieni stqarrija esebieta bhala Dokument GA5 jikkonferma dak kollu li kien stqarr fl-ewwel stqarrija u izid ighid illi huwa qatt ma avvicina lill-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni tat-*tender* ghall-privitizazzjoni tal-Petroleum Division tal-Enemalta u li qatt ma kien irraporta lis-superjuri tieghu il-fatt li kien irceva dawn ir-rigali minn ghand Farrugia. Jikkonkludi hekk:

***"George kien tani dawk ir-rigali fl-istess waqt li qalli 'ara x'tista' taghmel biex nirbah it-tender jien'. Minkejja li jiena hadt dawn ir-rigali nghid li ma interferejt ma' hadd. Ma' George ma ergajtx tkellimt fuq din il-bicca xoghol ghax it-tender ma hadiex hu."***

Illi meta imbaghad jixhed fil-Qorti, l-appellat jishaq illi huwa qatt ma kien kellem lil Farrugia qabel dak il-jum fejn kien stiednu imur l-ufficcju tieghu f'Hal Qormi u ighid illi dak in-nhar haseb li kien qed jistiednu biex jiehu *drink* ghax kienu il-festi tal-Milied. Ikompli jixhed:

***"Nghid li meta wasalt hemmhekk sibt lil George Farrugia fuq il-bankina, hrigt awgurajtlu u jien naturalment hsibt li kont ser immur niehu drink u dakinhar qalli li xtaq jiehu it-tender li kienet harrget tal-Petroleum u qalli 'hares jekk nehodha int ghal mieghi' u offrieli job. U jien dak il-hin ma wegibtux la fin-negattiv u lanqas fil-pozittiv. … Stasqsini x'nahseb jekk kienx hemm cans li jehodha u ghedtlu li hemm l-Adjudictaing Board u li jien ma kelliex x'naqsam mal-Adjudicating Board. Ghamilna xi kwarta u jghidli kif bi hsiebu jopera una volta jiehu it-tender. Ma kontx qed inhossni f'posti ghaliex sibt ruhi go rokna u nghid illi fil-fatt bqajna fuq it-targa tal-ufficcju lanqas tlajt fuq. Hadtlu b'idu dhalt fil-karozza u qalli 'minuta' u nghid li gab kaxxa fiha xi one foot by three inches irrepjatha f'dawk il-brown***

***papers li jkunu sprayed u zewg pakketti zghar homor fis-sens ta' kaxxi sprenjat ahmar u qalli li kelli xi haga u qalli 'Happy Christmas'. Ghidtlu 'thankyou' u jiena u ha nitlaq qalli 'issa ghaddili kelma ta'' qalli 'u jekk trid anke tihom dawn ghidli u ngieblek'. Dak il-hin jiena ixxokkjajt ruhi u ma ridtx niehu decizjoni abrupt, qabdt u soqt 'l hemm."***

Jispjega illi meta Farrugia qallu li ir-rigali seta jaghtihom lil haddiehor huwa fehem illi seta ighaddiehom lil tal-Bord ta'Aggudikazzjoni. Ighid ukoll illi Farrugia kien ghaddielu dawn ir-rigali fl-2008 meta il-*preferred bidder* kien diga' maghzul. Isostni illi huwa ma irrapurtax dawn il-fatti lis-superjuri tieghu ghax beza illi dawn setghu ikeccuh mill-impjieg tieghu. Jichad jerga' ghal darb'ohra li hu qatt talab is-somma ta' €40000 ewro minn ghand Farrugia.

Esposti ghalhekk dawn il-fattispecje ta' dan il-kaz jirrizulta ippruvat illi huwa minnu illi Farrugia kien ghadda tlett rigali lill-appellat sabiex dawn ighaddiehom lill-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni bil-ghan illi jipprova jinfluwenza d-decizjoni taghhom sabiex t-*tender* tigi aggudikata favur tieghu. Kif inhu ippruvat ukoll illi ghalkemm l-appellat ha dawn ir-rigali, huwa qatt ma ghaddiehom lil dawn il-membri kif mitlub u qatt ma avvicinhom jew ipprova jinfluwenza d-decizjoni taghhom tant illi fil-fatt it-*tender* giet aggudikata lil terzi. Huwa inkontestat ukoll illi d-decizjoni dwar l-aggudikazzjoni ta' din it-*tender* dwar il-privitizazzjoni tal-Petroleum Division tal-Enemalta ma kenitx tispetta lill-appellat u kwindi ma kenitx taqa' fid-dmirjiet riposti lilu fil-kariga li kien jokkupa gewwa l-Enemalta. Ighid illi huwa kien biss *liason officer* mal-Bord u li ma kellu l-ebda poter biex jiehu xi forma ta' decizjoni. Ix-xoghol tieghu bhala *liason officer* bejn l-Enemalta u il-Bord kien semplicement illi kien ighin u jiffacilita il-gbir ta' informazzjoni minn naha tal-Enemalta. Fil-fatt Emmanuel Ellul, ic-chairman tal-Bord tal-Aggudikazzjoni fix-xhieda tieghu meta mistoqsi x'sehem kellu f'dan il-process ta' aguddikazzjoni huwa wiegeb hekk:

*"Xejn! Fl-aggudikazzjoni ma kellu l-ebda say. Irrid nghid din u irrid inpoggieha hawn taht gurament solenni illi Ray Ferris qatt ma approwcjani jien b'xi haga biex niffavorixxi lil xi ditta. Nista' nitkellem ghalija. Jien nassumi illi l-ebda membru minn dawn li semmejt tal-adjudication committee ma gie approwcjat ghax konvint li kienu ighiduli."*

Ikompli jixhed illi meta ittiehdet id-decizjoni mill-Bord dwar l-aggudikazzjoni Ferris ma kienx prezenti. Kwindi ma hemm l-ebda prova sal-grad rikjest fil-kamp penali illi l-appellat b'xi mod fil-manzjonijiet tieghu bhala *liason officer* seta' kellu xi influwenza fuq id-decizjoni li kellha tittiehed mill-Bord. Fuq kollox huwa fatt inkontestat illi din id-decizjoni ma kenitx tispetta lilu.

Dan qed jigi sottolinjat peress illi r-reat ikkontemplat fl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li jitratta dwar il-korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku, li tahtha hija ipprospettata l-ewwel akkuza migjuba kontra l-appellat, tiddisponi hekk u dan fis-sub-inciz (b) tieghu:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd jehel meta jinstab hati"*

Ovvjament dana l-artikolu jirreferi ghall-korruzzjoni passiva, cioe` dik imwettqa mill-ufficjal jew impjegat pubbliku.

**"B'referenza ghall-ligi Taljana, li hi, pero`, differenti f'diversi aspetti minn taghna, in-Novissimo Digesto Italiano (UTET, 1957, vol. IV, v. corruzione, p. 899) jghid hekk: "La corruzione si presenta sotto una duplice forma: passiva e attiva. La prima consiste nel fatto di chi si lascia corrompere; riguarda cioe` il fatto dell'*intraneus*, pubblico ufficiale o incaricato di pubblico servizio, il quale riceve o accetta la promessa di denaro, o altro, <u>per un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio</u>. La seconda, e cioe` l'attiva, e` costituita dal fatto del corruttore; e**

**riguarda, cioe`, la condotta dell'extraneus, che da o promette per avere un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio."**

**Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*.**

**Malli l-ufficjal pubbliku jaccetta l-weghda jew offerta ta' flus jew utili iehor – u tali accettazzjoni tista' tigi ndikata anke b'semplici dikjarazzjoni li huwa "lest li jghin" jew "lest li jara x'jista' jsir" jew espressjonijiet simili li juru li huwa lest li jiehu in konsiderazzjoni dak li jkun gie propost lilu li jsir versu l-korrispettiv prospettat – huwa jkun sar hati tar-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115(b) imsemmi. Jekk, in segwitu, dak li jkun gie prospettat lilu (fil-kaz in dizamina, li jkun hemm riduzzjoni fil-piena) effettivament isehh, huwa jkun effettivament naqas li jaghmel dak li jkun fid-dmir tieghu li jaghmel fit-termini tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 115.**[16]"

Illi din is-silta tixhet dawl fuq zewg elementi essenzjali sabiex tigi stabbilita ir-reita' taht din id-disposizzjoni tal-ligi. L-ewwel wahda illi il-weghda jew ghoti ta' rigal trid issir in konnessjoni ma' "*un atto di ufficio o contrario al dovere di ufficio*" u fit-tieni lok irid jezisti dak il-"*pactum sceleris*" bejn il-persuna li tikkorrompi u l-ufficjal pubbliku.

Issa f'dan il-kaz gie stabbilit illi ma kienx fi dmir tal-appellat illi jippartecipa fil-process ta'l-aggudikazzjoni u li tali decizjoni ma kenitx taqa' fil-mansjonijiet tieghu. Fil-fatt l-appellat ighid illi meta kien avvicinah Farrugia huwa stess infurmah illi d-decizjoni ma kenitx tispetta lilu u li kien ha ir-rigali ghax dak il-hin beza' u tfixkel u ma kienx jaf kif kellu jirreaggixxi meta affaccjat b'din is-sitwazzjoni. Dan iwassal ghal fattur iehor importanti u cioe' illi l-provi in atti ma humiex bizzejjed b'sahhithom sabiex jindikaw illi kien hemm dak il-*pactum sceleris* u cioe' dak il-ftehim bejn Farrugia u l-appellat. Dan ghaliex jidher illi ghalkemm l-appellat accetta r-rigali, huwa mill-bidunett ma kellu l-ebda intenzjoni ighin lil Farrugia kif kien mitlub illi jaghmel tant illi ir-rigali zammhom ghalih u bl-ebda mod ma ipprova

[16] Il-Pulizija vs Mario Camilleri et – App.Krim, 30/07/2009

ighaddiehom lill-membri tal-Bord jew inkella ipprova jinfluwixxi fuqhom sabiex it-*tender* tigi aggudikata lil Farrugia. Dan jixhdu b'mod ewlieni Emmanuel Ellul ic-Chairman tal-Bord, kif diga inghad, li jghid b'mod kategoriku illi ghalkemm jaf lill-appellat, madanakollu hu qatt ma kellmu fuq l-aggudikazzjoni tat-*tender* jew ipprova jinfluwenzah fid-decizjoni tieghu tant illi fil-fatt it-*tender* giet aggudikata lil haddiehor.

Dan ifisser illi anke jekk *gratia argomenti* x-xhieda ta'l-appellat kellha tigi skartata xortawahda hemm nieqsa zewg elementi mehtiega sabiex jissussisti r-reat u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni billi fl-ewwel lok huwa fatt inkontestat illi id-decizjoni dwar l-aggudikazzjoni tat-tender ma kenitx "*un atto di ufficio*" riposte f'idejn l-appellat jew inkella li hu ghamel xi haga "*contrario a un atto di ufficio*" u fit-tieni lok hemm kunflitt fil-provi dwar l-ezistenza o meno tal-"*pactum sceleris*" bejn dawn it-tnejn minn nies kif rikjest fil-ligi. Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti tara illi id-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti li ghamlet esposizzjoni fattwali u legali korretta ma ghandhiex tigi iddisturbata.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellat qieghed jaffaccja ukoll l-akkuza hekk imsejjha "*trading in influence*" kif prospettata fl-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali fejn jinghad:

***"Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena."***

Imbaghad fis-sub-iniciz 2:

***Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux***

*xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu*

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f'zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe' wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

**"Illi minn ezami ta'l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twiegħed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."**

**Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C. (sottolinear tal-Qorti).**

**Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz. Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi flart. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C , ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu."**

Dan ifisser allura li kien mehtieg li fis-suggett attiv tar-reat kontemplat fis-subinciz (2) (f'dan il-kaz l-appellat) ikun hemm ukoll il-kapacita li dik il-persuna taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna ohra (u cioe' il-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni). Illi f'dan il-kaz ghalkemm instemghu diversi xhieda din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jezistux provi in atti sufficjenti tali illi iwasslu sal grad tal-konvinciment morali illi l-appellat kellu il-kapacita fil-kariga okkupata minnu illi jinfluwixxi fuq il-mod kif kienu ser jiddeciedu il-membri tal-Bord ta'l-Aggudikazzjoni jew inkella li kien asserixxa ma' Farrugia illi seta' jezercita tali influwenza. Tant hu hekk illi kif diga' gie ippuntwalizzat iktar 'il fuq l-appellat mal-ewwel stqarr ma' Farrugia illi id-decizjoni ma kenitx tispetta lilu u li ma seta jaghmel xejn biex ighinu. Fil-fatt id-decizjoni ittiehdet u l-appellat bl-ebda mod ma kellu xi jedd jaffettwa tali decizjoni billi ma giex ippruvat illi huwa kellu il-kapacita jaghmel dan. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-asserzjoni ta'l-Avukat Generali lanqas illi l-appellat kien ta x'jifhem lil Farrugia li huwa seta ikollu xi influwenza fuq din id-decizjoni ghax hemm kunflitt fil-provi f'dan ir-rigward b'Farrugia ighid mod u l-appellat ighid bil-kontra. Illi kien ghalhekk illi dak mistqarr mill-appellat gie riprodott verbatim f'din is-sentenza. Ighid hekk l-appellat:

***"Stasqsini x'nahseb jekk kienx hemm cans li jehodha u ghedtlu li hemm l-Adjudictaing Board u li jien ma kelliex x'naqsam mal-Adjudicating Board."***

***"Jiena ghedtlu li dawn l-affarijiet ma kontx niddecidiehom jien imma xogholi kien li nispjega biss."***

Stabbiliti dawn ir-rizultanzi probatorji huwa bil-wisq evidenti illi l-provi in atti huma wisq fjakki u ukoll konfliggenti tali illi din il-Qorti ma tista' qatt taghti konfort lit-tezi imressqa 'il quddiem mill-Avukat Generali ghaliex ma giex stabbilit sal-grad tac-certezza morali illi l-appellat bhala ufficjal pubbliku bil-fatt li accetta xi rigali minn ghand Farrugia kien ghamel dan bl-intenzjoni illi bis-sahha tal-kariga okkupata minnu jaghti xi vantagg lil dan Farrugia billi jezercita xi influwenza fuq terzi sabiex dawn jiehdu decizjoni favorevoli ghal Farrugia jew inkella illi b'tali accettazzjoni tar-rigali huwa kien asserixxa jew ikkonferma li seta jezercita tali influwenza. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravvju qed jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur